DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tal-20 ta' Settembru 2012

li taħtar Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja

(2012/521/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati ta' erbatax-il Imħallef u erba' Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja waslu biex jiskadu fis-6 ta' Ottubru 2012. Għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2012 sas-6 ta' Ottubru 2018, erbatax-il Imħallef u erba' Avukati Ġenerali għandhom jinħatru fil-Qorti tal-Ġustizzja.

(2) Fil-25 ta' April 2012, permezz tad-Deċiżjoni 2012/244/EU [1], ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru ħdax-il Imħallef u tliet Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2012 sas-6 ta' Ottubru 2018. Fl-20 ta' Ġunju 2012, permezz tad-Deċiżjoni 2012/345/EU [2], ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru żewġ Imħallfin u Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja għal dan l-istess perijodu.

(3) Biex titwettaq is-sostituzzjoni parzjali tal-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri għandhom jaħtru Mħallef ieħor fil-post li għad fadal biex jimtela.

(4) Ġiet proposta l-kandidatura tas-Sur Anthony BORG BARTHET għall-post vakanti ta' Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja.

(5) Il-kumitat stabbilit mill-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar l-idoneità tas-Sur Anthony BORG BARTHET għall-qadi tal-funzjonijiet ta' Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Anthony BORG BARTHET huwa b'dan maħtur Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2012 sas-6 ta' Ottubru 2018.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2012.

Il-President

K. KORNELIOU

[1] ĠU L 121, 8.5.2012, p. 21.
[2] ĠU L 169, 29.6.2012, p. 60.